# B'DANA KOLLU....

Il-ġrajja tal-bnedmin bdiet bil-ħruxija:
Għira miġnuna ħonqot lill-Imħabba:
Il-kbir fost żewġ ulied bid-dnub ittabba
U l-art ħammret bid-demm li kien bla ħtija.

Minn dak-in-nhar is-snin għaddew bil-mija,
Bl-eluf, u l-għerf li bit-tiġrib jitrabba
Kiber bla tarf, iżda l-hena li jxabba
Lill-qalb ma wassalx miegħu fit-tiġrija.

U niżel Dawl mis-sema u qal: Is-sliema
Tagħkom minn Alla; kunu wlied għannuna
Ta' Missier wieħed li ma jafx iltiema.

Xterdet l-aħbar tat-twajjeb Magħna-hu-El...
B'dan kollu ta' sikwit Għira miġnuna
Ittenni l-ġrajja ta' Kajjin u Abel.

April, 1936.

**Dun Karm**